**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 6 ta' Lulju 2023**

Rikors Numru: 144/23 AL

A B C

vs

D E F

(M.R. tal-Ingilterra 898196)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-esponenti zzewwget lill-intimat nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005) (DOK A), u minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg itfal, HG li twieled fil-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004) u IJF li twieldet it-tmintax (18) t'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u għalhekk għadhom minuri;

2. Illi l-partijiet ilhom separati mil-ewwel (1) t'Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) permezz ta' kuntratt in atti Dr Katia Farrugia Cachia (DOK B);

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom peress illi llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi ma hemm l-ebda pendenza ta' manteniment kemm bejn il-partijiet kif ukoll manteniment versu l-minuri;

5. Illi għalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

a) Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005) jigi mahlul u dikjarat bhala xolt.

b) Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u

c) Taghti kull provvidiment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tak-21 ta' Marzu 2023;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Semgħet lill-intimat prezenti fl-awla, wara li ta ruħu b'notifikat bl-atti kollha, nforma lill-Qorti li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-1 ta' Ottubru 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.